**7 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph u Tania konjugi Grech

*versus*

Is-Segretarju tad-Djar

## Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali - Responsabilità għal ħsara jew nuqqas f'oġġetti mobbli

*L-art. 3(5) ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar igħid li f'kull każ fejn it-trasport jew post tal-ħażna jiġi provdut mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, l-għamara jew oġġetti oħra trasportati jew maħżuna jibqgħu b'sogru tal-proprjetarju u l-ebda kumpens*

*għall-ħsara jew nuqqas ma jkun dovut mid-Direttur, ħlief jekk jiġi ppruvat li tali nuqqas jew ħsara jkun dovut għan-negliġenza da parti tad-Direttur jew ta' l-impjegati tiegħu.*

*Dawn id-disposizzjonijiet dwar ir-responsabilità tad-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali igħoddu fil-każ biss fejn tkun ħarġet Ordni ta' Rekwiżizzjoni. F'każijiet oħra, id-Direttur huwa responsabbli għal negliġenza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ippreżentata fl-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla li biha l-atturi ippremettew:

Illi l-konvenut ġarr l-għamara u mobbli oħra ta' l-atturi mir-residenza temporanja tagħhom f'Marsascala, u ħadhom fil-pussess u taħt il-kustodja tiegħu fi *store* f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa;

Illi meta l-atturi ġew jieħdu lura l-istess mobbli mill-imsemmi *store*, fejn qabel kienu ġew assigurati li l-affarijiet kienu kustuditi sewwa, huma sabu l-affarijiet elenkati fid-Dok. "A" hawn unit neqsin għalkemm sa ftit ġranet qabel kienu għadhom fl-istess *store;*

Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat iħallas prezzhom fis-somma ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin lira maltija (Lm527) bħala danni li sofrew l-atturi minħabba negliġenza grassa, imperizja u traskuraġni għall-aħħar da parti tal-konvenut, huwa baqa' inadempjenti;

U talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni li sofrew l-atturi minħabba n-negliġenza grassa, imperizja u

traskuraġni għall-aħħar tal-konvenut li wassal għall-oġġetti elenkati fid-Dok. "A" li jinstabu neqsin meta kienu fil-pussess u taħt il-kustodja tal-konvenut;

2. Tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' Lm527 jew somma oħra verjuri li jogħġobha tillikwida dina l-qorti, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma Lm527 jew dik is-somma hekk likwidata bħala dovuta *in linea* ta' danni;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 1984, u dik tat-8 ta' Ottubru 1985, u bl-imgħax legali mill-10 ta' Settembru 1984 data tan-notifika ta' l-ewwel ittra uffiċjali, kontra l-konvenut;

Rat l-eċċezzjoni li l-konvenut mhux responsabbli u ma għandu jħallas xejn għad-danni allegati stante li ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji u dana speċjalment skond dak indikat fl-artikolu 4(5) ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar, illum artikolu 3(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet;

Rat is-sentenza mogħtija mill-onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Jannar 1990 li biha iddeċidit il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi, illikwidat id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm527 u ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-imgħax legali fuqha minn dak in-nhar u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

1. Illi f'Novembru 1983 l-atturi miżżewġin Grech ma kellhomx fejn joqgħodu. Sabu l-fond Blokk A1, *Flat* 1, Triq

Sant'Antnin, Marsascala, daħħlu fih il-mobbli tagħhom, u bdew jgħixu ġo fih, bla ma kienu intitolati;

2. Għall-bidu tas-sena 1984 omm l-attur mardet. Għalhekk l-atturi ħarġu mill-*flat* imsemmi, u marru joqgħodu magħha. Wara jumejn l-atturi rritornaw Marsascala, u sabu li s-serratura tal-*flat* kienet ġiet mibdula. L-atturi għalhekk sgassaw il-bieb, u meta daħlu ġewwa sabu l-post vojt;

3. Irriżulta li l-post kien fil-pussess tal-konvenut. Dan iddeċida li joħroġ mill-post kull ma kien fih. Din id-deċiżjoni esegwiha f'dawk il-jumejn li l-atturi kienu marru joqgħodu għand omm l-attur. Il-konvenut ġarr il-mobbli u l-oġġetti kollha ta' l-atturi li kien hemm fil-post u qegħedhom f'maħżen Ħal Far;

4. Wara li sab il-post vojt, kif intqal, l-attur skopra li l-mobbli tiegħu kienu ttieħdu Ħal Far mill-konvenut. Wara xi ġranet l-attur mar fil-maħżen imsemmi, u vverifika li kien hemm l-oġġetti tiegħu kollha;

5. Xi xahar wara li l-affarijiet kienu Ħal Far, l-attur sab kamra fejn ipoġġihom, u mar biex minn hemm jirtira ħwejjġu u joħodhom f'dik il-kamra. Meta wasal Ħal Far, akkompanjat minn uffiċjal tad-Dipartiment tad-Djar, sab li kienu naqsu diversi mill-oġġetti tiegħu. Dan in-nuqqas ġie kkonfermat mill-inventarju li kien sar mill-konvenut meta l-affarijiet kienu ttieħdu mill-*flat* ta' Marsascala;

6. Il-konvenut fl-eċċezzjoni ċċita l-artikolu 3(5) tal-Kap. 125, u jippretendi li mhux responsabbli għan-nuqqas ta' l-oġġetti ta' l-atturi billi kien ħa l-prekawzjonijiet neċessarji. Is-subartikolu msemmi jiddisponi li "f'kull każ meta l-ġarr jew il-lok għall-

ħażna ta' din l-għamara jew ħwejjeġ huma provdut mis-Segretarju taħt is-subartikolu (3) u (4) ta' dan l-artikolu ..... ebda ħlas ma jkun mistħoqq dwar in-nuqqas li fihom jew ħsara li tiġrilhom jekk jiġi pruvat li dak in-nuqqas jew dik il-ħsara ma kinitx ġrat minħabba trakuraġni tas-Segretarju jew tan-nies li kienu jaqduh;''

7. Din id-dikjarazzjoni tfisser li l-prova li mhux responsabbli tinkombi lill-konvenut. F'dan ir-rigward l-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Djar prodotti mill-konvenut xehdu fit-termini li ġejjin. Il-maħżen ta' Ħal Far kien f'post diżabitat, fejn ma kienx hemm dawl artifiċjali. Suppost ikun hemm *watchman*. Dakinhar li l-attur mar biex jieħu ħwejjġu, *watchman* ma deherx. Il-bieb tal-maħżen ma kienx fih serratura; kien jinqafel b'żewġ katnazzi. ''Naħseb li kien hemm aktar minn żewġ katnazzi. Naħseb li kien hemm aktar minn ċavetta waħda, però m'huwiex ċert.'' ''Iċ-ċwievet huma responsabbli għalihom l-*Accounts Section*' tad-Dipratiment;''

8. Il-provi premessi mhux talli ma jurux li n-nuqqas ta' l-oġġeti ta' l-atturi ma kienx ġara minħabba traskuraġni tal-konvenut jew tan-nies tiegħu talli anzi juru nonkuranza tal-konvenut jew ta' dawk in-nies tal-konvenut fis-sikurezza tal-maħżen in kwistjoni;

9. Ta' min jinnota, *inoltre*, li bl-Artikolu 3(4) tal-Kapitolu 125 imsemmi, jidher li l-konvenut qabel jaqbad u jiżgombra l-fond in kwistjoni, kien obbligat jieħu ''kif jixraq kull ħsieb'' biex jiskopri lil sid l-affarijiet bl-iskop evidenti li dan ikollu l-opportunità jirtira ħwejjġu bla diskapitu. Dan il-ħsieb il-konvenut ma rriżultax li ħadu. L-atturi ma kellhom ebda avviż dwar l-iżgumbrament ta' ħwejjiġhom mill-*flat;*

10. Għalhekk il-konvenut huwa responsabbli għad-danni kkaġunati lill-atturi bin-nuqqas ta' ħwejjiġhom;

11. L-oġġetti neqsin ... huma elenkati fid-dokument "A" esebit maċ-ċitazzjoni;

12. L-atturi xeħdu li dawn l-oġġeti kienu xtrawhom bil-prezz kumplessiv ta' ħames mija u seba' u għoxrin lira (Lm527). Meta naqsu, l-atturi kienu ilhom jużaw dawn l-oġġetti madwar xahar. Kienu prattikament ġodda, b'mod li biex jakkwistaw bħalhom l-atturi kellhom jeħtiġilhom iħallsu l-ammont imsemmi. Konsegwentement id-danni jammontaw fl-istess ammont;

13. It-talba għall-imgħax mill-10 ta' Settembru 1984 m'hix ġustifikata billi ma saritx il-prova ta' l-ittra uffiċjali relativa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Segretarju tad-Djar illum magħruf bħala Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali preżentata fil-31 ta' Jannar 1990;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut Segretarju tad-Djar illum magħruf bħala Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali li biha talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Jannar 1990 fl-ismijiet premessi billi tiċħad it-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati u f'dan is-sens ukoll tirrevoka s-sentenza appellata kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant ressaq is-segwenti aggravji fir-rigward tas-sentenza appellata:

1. Illi l-ewwel Qorti applikat ħażin il-liġi għall-fatti fil-każ in eżami u b'hekk ġiet li għamlet interpretazzjoni ħażin ta' l-istess liġi;

2. Illi l-artikolu 3(5) ta' l-Att Dwar id-Djar (Kap. 125) jagħmilha ċara bħala regola ġenerali li f'każ ta' trasport jew ħażna provdut mis-Segretarju tad-Djar, l-għamara jew oġġetti oħra trasportati jibqgħu b'sogru tal-proprjetarji u l-ebda kumpens għall-ħsara jew nuqqas ma jkun dovut ħlief jekk jiġi pruvat li tali nuqqas jew ħsara jkun dovut għal negliġenza da parti tas-Segretarju tad-Djar jew ta' l-impjegati tiegħu;

3. Illi l-appellant Segretarju tad-Djar ipprova li ma kienx traskurat billi pprova li ħa prekawzjonijiet raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

4. Illi għall-grad tat-traskuraġni li jikkontempla l-artikolu 3(5) tal-Kap. 125 mhux neċessarju li l-appellant irid ikun ħa l-prekawzjonijiet kollha;

5. Illi għalkemm fl-apparenza tiegħu, l-artikolu 3(5) tal-Kap. 125 donnu jixħet l-oneru tal-prova fuq l-appellant, il-każ mhux hekk, iżda l-oneru tal-prova qegħda fuq ir-rekwiżizzjonat u l-grad li jrid jiġi ppruvat huwa li kien hemm negliġenza grossolana da parti tiegħu;

6. Illi mhux korrett dak li qalet l-ewwel qorti u ċjoè li la darba l-appellant kien ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa, huwa jeżonera ruħu biss kemm-il darba jipprova li n-nuqqas ta' l-affarijiet relativi kien dovut għal *forza maggiore*.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-fatti li taw lok għal din il-kawża ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet. F'Novembru 1983, l-atturi qabdu u marru jgħixu bla permess, fil-fond *Block* A1, *Flat* 1, Triq Sant'Antnin, Marsacala. Wara xahar li qagħdu hemm, dawn għamlu xi ġranet assenti mill-post billi marru joqogħdu għand omm l-attur għal xi jumejn billi din kienet marida;

Meta l-atturi reġgħu marru fil-*flat* in kwistjoni sabu l-*flat* vojt minn kollox. Billi l-attur issuppona li dan kien xogħol il-konvenut mar fid-Dipartiment tiegħu biex ikellmu. Hemmhekk ġie infurmat mill-impjegati tal-konvenut li l-għamara tiegħu u l-affarijiet l-oħra li kien hemm fil-*flat* kienu ġarrewhom huma u li kienu ħaduhom fi *store* tagħhom li kellhom f'Ħal Far. L-għada l-atturi flimkien ma' l-impjegati konċernati marru fuq il-post u raw ħwejjiġhom hemm. L-attur ħa xi affarijiet tat-tifel u l-bqija ħallihom hemm billi ġie assikurat mill-parti l-oħra l-post kien *safe;*

Sadattant ftehemu li jerġgħu jmorru fuq il-post u biex l-attur jieħu *truck* miegħu biex iġorr ħwejjġu. Waqt li bdew igħabbu l-għamara ta' l-atturi fuq it-*truck,* dawn indunaw li kien hemm diversi affarijiet neqsin. L-impjegati tal-kovenut ġagħluhom jerġgħu iħottu kollox biex huma jieħdu direttivi mingħand il-Prinċipal tagħhom stante li kien hemm in-nieqes;

Fil-fatt l-impjegati tal-konvenut meta qabblu ma' l-inventarju li kien sar meta huma kienu ħarġu l-għamara ta' l-atturi sabu li verament kien hemm l-oġġetti reklamati mill-attur neqsin. Sar ukoll rapport lill-pulizija mill-konvenut. L-attur ħa l-għamara l-oħra li kien hemm fl-*istore* xi xahar wara. Għalhekk m'hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar liema oġġetti kienu nstabu nieqsa. L-għamara in kwistjoni kienet ilha żmien qasir għand l-atturi u ħafna minnha l-anqas kienet għada ġiet użata. Lista ta' l-oġġetti li nstabu nieqsa mill-atturi tinsab esibita bħala Dok. A *a fol.* 5 tal-proċess u fiha hemm ukoll il-prezzijiet relativi;

Minn xhieda taż-żewġ *Housing Officers* jirriżulta li l-istore fejn poġġew l-għamara ta' l-atturi kien f'Ħal Far fid-diżabitat viċin fabbrika fejn l-anqas ma kien hemm dawl artifiċjali. Għad li għall-ewwel dawn taw l-impressjoni li kien hemm xi *watchman* għassa mal-post, irriżulta li ma kien hemm ebda *watchman* u li seta' kienu qegħdin jirriferu għal xi *watchman* għassa mal-fabbrika fuq imsemmija. Fil-fatt ma kien hemm ebda *watchman* impjegat mal-konvenut. Barra minn hekk irriżulta wkoll li l-*istore de quo* kien jinqafel biss b'katnazz u ma kellu ebda serratura.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut Segretarju tad-Djar hija li hu b'ebda mod ma hu responsabbli għan-nuqqasijiet ta' l-attur u li hu m'għandu jħallas xejn tad-danni allegati mill-attur billi hu ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji minħabba dak li hemm dispost fl-art. 3(5) ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar. Fid-dikjarazzjoni tiegħu mbagħad hu qal li hu kien mexa skond il-poteri li tagħtih il-liġi u kien ġarr l-għamara ta' l-attur għal ġo *store* f'Ħal Far li kien kustodit sewwa billi kien magħluq b'katnazz;

Skond l-artikolu ta' l-Att fuq ċitat mill-konvenut, u ċjoè 3(5), f'kull każ fejn it-trasport jew post tal-ħażna jiġi provdut mis-Segretarju tad-Djar, l-għamara jew oġġetti oħra trasportati jew maħżuna jibqgħu b'sogru tal-proprjetarju u l-ebda kumpens għall-ħsara jew nuqqas ma jkun dovut minnu, ħlief jekk jiġi ppruvat li tali nuqqas jew ħsara jkun dovut għal negliġenza da parti tas-Segretarju tad-Djar jew ta' l-impjegati tiegħu;

Issa skond l-istess artikolu 3(5) però, dan it-trasport jew ħażna li jiġu provduti mis-Segretarju tad-Djar iridu jkunu saru taħt dak li hemm provdut fis-subartikoli 3 u 4 ta' l-istess artikolu 3. Is-subartikolu 3 jikkontempla li l-każ biss fejn tkun ħarġet *requisition* u r-rekwiżizzjonat jissodisfa lill-Housing *Secretary* li m'għandux trasport jew post tal-ħażna. Is-subartikolu 4 jikkontempla l-każ biss fejn wara li tkun ħarġet "rekwiżizzjoni", u din ma tkunx ġiet osservata mir-rekwiżizzjonat ***jew inkella*** fejn ebda persuna li għandha d-dritt tokkupa l-post rekwiżizzjonat jew ir-rappreżentanti tagħha ma tistax tinstab. Minn dan jidher li l-każ preżenti ma jidħol fl-ebda wieħed minn dawn l-ipotesijiet;

Minn eżami ta' dawn is-subartikoli ta' l-artikolu 3 ta' l-Att fuq ċitat jidher li ebda wieħed minnhom ma jikkntempla l-każ in eżami u dan għaliex minn imkien ma jidher li fuq il-post *de quo* kienet ħarġet xi *Requistion Order.* L-atturi *ex admissis* kienu daħlu fil-post *de quo* meta kienu jafu li ma kellhom ebda dritt jokkupawh. B'hekk ġew li huma kienu qegħdin jokkupawh bla ebda titolu validu fil-liġi. Għalhekk il-konvenut ma setax jaġixxi taħt l-artikolu 3(5) fuq ċitat billi dan l-artikolu ma jikkontemplax il-każ in eżami;

Għalhekk jidher li meta l-konvenut daħal fil-post in kwistjoni u ġarr barra l-għamara ta' l-atturi, huwa aġixxa hekk

arbitrarjament u mhux in forza ta' xi liġi. Ir-rimedju li kellu jadotta biex jirriprendi l-pussess tal-fond *de quo* għalhekk ma kienx il-mod kif aġixxa hu iżda li jipproċedi kontra l-atturi għal żgumbrament taħt il-liġi Ċivili quddiem il-Qorti kompetenti u dan billi kienu qegħdin jiddetjenu l-fond *de quo* bla titolu. L-eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk kif proposta ma tistax tiġi milqugħa;

Issa jirriżulta ben ċar li bl-egħmil tiegħu, il-konvenut irreka danni lill-attur. Skond l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili kull persuna hija responsabbli għall-ħsara li tiġi kkawżata b'egħmilha. L-artikolu ta' wara mbagħad jiddisponi li jitqies fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Fil-fatt il-konvenut qabad u ħareġ l-għamara kollha ta' l-atturi mill-post *de quo,* fl-assenza tagħhom u poġġa l-istess fi *store* li jissakkar b'katnazz, bla serratura, fid-diżabitat, viċin fabbrika f'Ħal Far fejn m'hemmx dawl artifiċjali u bla *watchman.* Minn dan l-*istore* insterqet parti mill-għamara ta' l-atturi li ġiet impoġġija hemm arbitrarjament mill-konvenut u għalhekk kienet *at his own risk.* Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jimporta imprudenza w negliġenza da parti tal-konvenut u jinkwadra ruħu perfettament f'dak li jipprovdi l-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat. Għalhekk jidher li l-konvenut għandu jiġi ritenut responsabbli għat-telf li sofrew l-atturi u għandu jħallsu d-danni minnhom reklamati;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell tas-Segretarju tad-Djar illum magħruf bħala Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Jannar, 1989;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellant.